**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.M., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Mary Camilleri ta' 55 sena mart Athony bint Saviour Portelli u Josephine nee` Falzon li toqghod Nru 5, Triq Ghajn Mhelhel, Zebbug, Ghawdex.**

Illum 19 ta' Gunju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata akkuzata talli fl-14 ta' Marzu 2002 ghall-habta tal-11:30a.m. fi Triq Ghajn Mhelhel, Zebbug, Ghawdex ingurjat lil Henry u Annunziata Cefai bi kliem ta' disprezz.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi Annunziata Cefai semghet lil Mary Camilleri tghid il-kliem segwenti: "tajba gejja l-bankina tal-hallelin". Dan id-diskors, qalitu lill-haddiem Carmel Vella li kien qed jahdem fuq l-istess bankina. Il-bankina kienet qed issir bil-madum quddiem ir-residenza tal-kwerelanti biss ghaliex il-kumplament kienet qed tinkesa bil-konkos.

B'hekk huma sodisfatti r-rekwiziti ta' l-artikolu 252 (1) tal-Kap 9 aktar u aktar meta l-Qorti tqis illi l-imputata hija omm il-mara ta' vittma ta' serq li kienet indikat lil zewg Annunziata Cefai bhala suspett.

Ghal dawn il-mottivi ssibha hatja;

Rat l-artikolu 252 (1) tal-Kap 9;

Tikkundannaha ghal hlas ta' multa ta' mitt lira Maltin (Lm100) u tobbligaha ma timmolestax lil Henry u Annunziata Cefai fuq penali ta' mitt lira Maltin (Lm100) multa fin-nuqqas ghal zmien sena mil-lum skond l-artikolu 383 tal-Kap 9.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur